SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

15 ta’ April 2021 *

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Settur tat-telekomunikazzjonijiet – Użu armonizzat tal-ispektrum tar-radju fil-medda ta’ frekwenzi ta’ 2 GHz għall-implimentazzjoni ta’ sistemi li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita – Deċiżjoni Nru 626/2008/KE – Artikolu 2(2)(a) u (b) – Artikolu 4(1)(ċ)(ii) – Artikolu 7(1) u (2) – Artikolu 8(1) u (3) – Sistemi mobbli permezz tas-satellita – Kunċett ta’ ‘stazzjon mobbli terrestri’ – Kunċett ta’ ‘komponenti terrestri komplementari’ – Kunċett ta’ ‘kwalità meħtieġa’ – Rwol rispettiv tal-komponenti satellitari u terrestri – Obbligu għall-operatur ta’ sistemi mobbli permezz tas-satellita magħżul li jipprovdi s-servizz lil ċertu perċentwali tal-popolazzjoni u tat-territorju – Nuqqas ta’ osservanza – Effett”

Fil-Kawża C-515/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Conseil d’État (Franza) (il-Kunsill tal-Istat, Franza), permezz ta’ deċiżjoni tat-28 ta’ Ġunju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta’ Lulju 2019, fil-proċedura

**Eutelsat SA**

vs

**Autorité de régulation des communications électroniques et des postes (ARCEP),**

**Inmarsat Ventures SE**, li kienet Inmarsat Ventures Ltd,

fil-preżenza ta’:

**Viasat Inc.,**

**Viasat UK Ltd,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, A. Kumin (Relatur), T. von Danwitz, P. G. Xuereb u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Eutelsat SA, minn L. de la Brosse u C. Barraco-David, avocats,

– għal Inmarsat Ventures SE, minn C. Spontoni, N. Brice u É. Barbier de La Serre, avocats,

– għal Viasat Inc. u Viasat UK Ltd, minn L. Panepinto, P. de Bandt u H. Farge, avocats, kif ukoll minn J. Ruiz Calzado, abogado,

– għall-Gvern Franċiż, minn A.-L. Desjonquères, E. de Moustier u P. Dodeller, bħala aġenti,

– għall-Gvern Belġjan, minn P. Cottin u J.-C. Halleux, bħala aġenti, assistiti minn S. Depré, avocat,

– għall-Gvern tar-Renju Unit, minn S. Brandon, bħala aġent, assistit minn J. Morrison, barrister,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn E. Gippini Fournier, G. Braun u L. Nicolae, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(2)(a) u (b) u tal-Artikolu 4(1)(ċ)(iii), tal-Artikolu 7(1) u (2) u tal-Artikolu 8(1) u (3) tad-Deċiżjoni Nru 626/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2008 dwar l-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita (MSS) (ĠU 2008, L 172, p. 15, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni MSS").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Eutelsat SA, minn naħa, u l-Autorité de régulation des communications électroniques et des postes (ARCEP, Franza) (l-Awtorità Regolatorja għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi u Postali, Franza) dwar id-deċiżjoni ta' din tal-aħħar li tagħti lil Inmarsat Ventures SE, li kienet Inmarsat Ventures Ltd (iktar 'il quddiem "Inmarsat"), drittijiet ta' użu għal komponenti terrestri komplementari (iktar 'il quddiem "KTK") ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt internazzjonali*

### *Il-kostituzzjoni tal-ITU*

3 L-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU) hija istituzzjoni speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti responsabbli mit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Bħalma jirriżulta, b'mod partikolari, mill-Artikolu 1 tal-kostituzzjoni tagħha, huwa fil-kuntest tal-ITU li l-ispektrum tar-radju u l-orbiti tas-satelliti huma attribwiti lill-iskala dinjija u li l-istandards tekniċi huma żviluppati sabiex tiġi żgurata l-interkonnessjoni tan-networks u tat-teknoloġiji.

4 Konformement mal-Artikolu 2 tal-kostituzzjoni tal-ITU, din hija magħmula minn Stati Membri u membri tas-setturi. Attwalment, 193 Stat huma membri tal-ITU, fosthom l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea li, hija stess, hija "membru tas-settur".

5 L-Artikolu 4 ta' din il-kostituzzjoni, intitolat "Strumenti tal-[ITU]", jipprovdi, fil-paragrafu 3 tagħha:

"Id-dispożizzjonijiet ta' din il-[k]ostituzzjoni u tal-[f]tehim huma kkompletati ulterjorment b'dawk tar-[r]egolamenti amministrattivi elenkati iktar 'il quddiem, li jirregolaw l-użu tat-telekomunikazzjonijiet u jorbtu lill-Istati Membri kollha:

[...]

– ir-[R]egolament dwar il-Komunikazzjoni bir-Radju

[...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

### *Ir-Regolament dwar il-Komunikazzjoni bir-Radju*

6 Il-Konferenzi Dinjija dwar il-Komunikazzjoni bir-Radju (CMR) għandhom il-kompitu li jeżaminaw u, jekk ikun il-każ, jirrevedu r-Regolament dwar il-Komunikazzjoni bir-Radju msemmi fl-Artikolu 4 tal-Kostituzzjoni tal-ITU. Dan ir-regolament, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta miċ-CMR li seħħet f'Genève (l-Isvizzera) fit-23 ta' Jannar 2012 (CMR-12) (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti dwar il-Komunikazzjoni bir-Radju"), jinkludi Kapitolu I, intitolat "Terminoloġija u Karatteristiċi Tekniċi", li fih l-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Termini u definizzjonijiet". Dan l-artikolu huwa maqsum f'taqsimiet, li t-Taqsima III tiegħu hija intitolata "Servizzi ta' komunikazzjoni bir-radju". It-taqsimiet fihom infushom huma maqsuma f'numri. Taħt din it-Taqsima III, hemm b'mod partikolari n-numru 1.25 tal-imsemmi Artikolu 1, li huwa fformulat kif ġej:

"servizz mobbli permezz tas-satellita: Servizz ta' komunikazzjoni bir-radju:

– bejn stazzjonijiet mobbli terrestri u stazzjon spazjali wieħed jew iktar, jew bejn stazzjonijiet spazjali użati minn dan is-servizz;

– bejn stazzjonijiet mobbli terrestri permezz ta' stazzjon spazjali wieħed jew iktar.

Barra minn hekk, dan is-servizz jista' jinkludi l-konnessjonijiet neċessarji għall-operat tiegħu."

[traduzzjoni mhux uffiċjali]

7 L-Artikolu 1 tar-Regolament dwar il-Komunikazzjoni bir-Radju jinkludi Taqsima IV, intitolata "Stazzjonijiet u sistemi ta' komunikazzjoni bir-radju", li tinkludi b'mod partikolari n-numri 1.61, 1.63, 1.64, 1.67 u 1.68 tiegħu, ifformulati kif ġej:

"1.61 stazzjon: "trażmettitur jew riċevitur wieħed jew iktar, jew grupp ta' trażmettituri u ta' riċevituri, inkluż it-tagħmir aċċessorju, neċessarju sabiex jiġi żgurat servizz ta' komunikazzjoni bir-radju jew għas-servizz ta' radjuastronomija, f'post partikolari.

Kull stazzjon għandu jiġi kklassifikat skont is-servizz li fih jipparteċipa b'mod permanenti jew temporanju.

[…]

1.63 stazzjon terrestri: stazzjon li jinsab jew fuq wiċċ id dinja, jew fil-parti prinċipali tal-atmosfera terrestri, u intiż sabiex jikkomunika:

– jew ma' stazzjon spazjali wieħed jew iktar; jew

– ma' stazzjon tal-istess tip wieħed jew iktar, permezz ta' satellita riflettriċi waħda jew iktar jew oġġetti spazjali oħra.

1.64 stazzjon spazzjali: Stazzjon li jkun fuq oġġett li jinsab, u li huwa intiż sabiex imur, jew mar, lil hinn mill-parti prinċipali tal-atmosfera terrestri.

[…]

1.67 stazzjon mobbli: stazzjon tas-servizz mobbli intiż sabiex jintuża meta jkun qed jiċċaqlaq jew meta jieqaf f'destinazzjonijiet mhux stabbiliti.

1.68 stazzjon mobbli: stazzjon terrestri tas-servizz mobbli permezz tas-satellita intiż sabiex jintuża meta jkun qed jiċċaqlaq jew meta jieqaf f'destinazzjonijiet mhux stabbiliti." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

### *Id-dritt tal-Unjoni*

### *Id-deċiżjoni MSS*

8 Skont il-premessi 1, 4, 5, 18 u 19 tad-Deċiżjoni MSS:

"(1) Kif ikkonfermat mill-Kunsill fil-konklużjoni tiegħu tat-3 ta' Diċembru 2004, l-użu effikaċi u koerenti ta' l-ispektrum tar-radju huwa essenzjali għall-iżvilupp tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika u jinkoraġġixxi t-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività u l-impjiegi; l-aċċess għall-ispektrum għandu jiġi ffaċilitat sabiex titjieb l-effiċjenza u titħeġġeġ l-innovazzjoni, u kif ukoll sabiex l-utenti jkollhom flessibbiltà ikbar u l-konsumaturi jkollhom iktar għażla, filwaqt li jittieħed kont ta' l-objettivi ta' interess ġenerali.

[…]

(4) Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349)] għandha l-għan li tinkoraġġixxi l-użu effiċjenti u tiżgura l-ġestjoni effikaċi tal-frekwenzi tar-radju u tar-riżorsi ta' numerazzjoni, filwaqt li jitneħħew l-ostakoli li għadhom ixekklu l-provvista tan-networks u servizzi rilevanti, filwaqt li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni u filwaqt li jitħeġġu t-twaqqif u l-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej u l-interoperabbiltà tas-servizzi pan-Ewropej.

(5) L-introduzzjoni ta' sistemi ġodda li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita ('servizzi MSS') tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq intern u ttejjeb il-kompetizzjoni kemm billi żżid id-disponibbiltà tas-servizzi pan-Ewropej u l-konnettività minn tarf għall-ieħor kif ukoll billi tinkoraġġixxi investimenti effiċjenti. Is-servizzi MSS jikkostitwixxu pjattaforma innovattiva u alternattiva għal diversi tipi ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni pan-Ewropej u ta' xandir/'multicasting', indipendentement minn fejn ikunu jinsabu l-utenti finali, bħal aċċess veloċi għall-Internet/intranet, multimedja mobbli u protezzjoni ċivili u għajnuna f'każijiet ta' diżastri. Is-servizzi MSS jistgħu, b'mod partikolari, itejbu l-kopertura ta' żoni rurali fil-Komunità u b'hekk inaqqsu d-distakk diġitali, f'sens ġeografiku, filwaqt li jsaħħu d-diversità kulturali u l-pluraliżmu fil-media u fl-istess waqt jikkontribwixxu għall-kompetittività ta' l-industriji Ewropej tat-teknoloġija ta' l-informatika u l-komunikazzjoni konformement ma' l-objettivi ta' l-Istrateġija mġedda ta' Liżbona. […]

[…]

(18) Il-[KTK] huma parti integrali tas-sistema mobbli permezz tas-satellita u huma wżati, tipikament, sabiex itejbu s-servizzi offruti permezz tas-satellita f'żoni fejn jista' ma jkunx possibbli li tinżamm komunikazzjoni line-of-sight kontinwa mas-satellita minħabba ostruzzjonijiet mill-profil għoli ta' bini u ta' terren. […] Għalhekk, l-awtorizzazzjoni ta' [KTK] ta' dan it-tip tkun tiddependi l-aktar fuq dawk il-kondizzjonijiet relatati maċ-ċirkustanzi lokali. Għaldaqstant, dawn għandhom jintgħażlu u jiġu awtorizzati fuq skala nazzjonali, suġġetti għall-kondizzjonijiet stabbiliti bil-liġi Komunitarja. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għat-talbiet speċifiċi magħmula mill-awtoritajiet kompetenti lill-applikanti magħżula sabiex jipprovdu informazzjoni teknika li tindika kif il-komponenti terrestri komplementari jtejbu d-disponibbiltà tas-servizzi MSS proposti f'żoni ġeografiċi fejn ma tistax tiġi żgurata, bil-kwalità meħtieġa, il-komunikazzjoni ma' xi stazzjon spazjali jew iktar, sakemm tali informazzjoni teknika ma tkunx diġà ngħatat konformement mat-Titolu II.

(19) L-ammont limitat ta' spektrum tar-radju disponibbli jfisser li l-għadd ta' impriżi li jistgħu jintgħażlu u jiġu awtorizzati huwa limitat ukoll. Madankollu, jekk mill-proċess ta' l-għażla tirriżulta l-konklużjoni li m'hemmx skarsezza ta' spektrum tar-radju, għandhom jintgħażlu l-kandidati eliġibbli kollha. L-ammont limitat ta' spektrum tar-radju disponibbli jista' jfisser li kwalunkwe "merger" jew "takeover" ta' kwalunkwe operatur li jipprovdi servizzi MSS ma' ieħor jew minn ieħor jista' jnaqqas b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni u għalhekk ikun suġġett għal skrutinju taħt il-liġi tal-kompetizzjoni."

9 L-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni huwa fformulat kif ġej:

"1. L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tiffaċilita l-iżvilupp ta' suq intern kompetittiv għas-servizzi mobbli permezz tas-satellita ("servizzi MSS") madwar [l-Unjoni] u li tiżgura kopertura gradwali fl-Istati Membri kollha.

Din id-Deċiżjoni toħloq proċedura Komunitarja għall-għażla komuni ta' l-operaturi ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita li jużaw il-medda ta' frekwenzi ta' 2 GHz konformement mad-Deċiżjoni 2007/98/KE [tal-Kummissjoni tal-14 ta' Frar 2007 dwar l-użu armonizzat tal-ispektrum ta' frekwenzi tar-radju fil-medda ta' frekwenzi ta' 2 GHz għall-implimentazzjoni ta' sistemi li jipprovdu servizzi satellitari mobbli (ĠU 2007, L 219M, p. 216)], inkluż l-ispektrum tar-radju minn 1 980 sa 2 010 MHz għandhom japplikaw mid-dinja għall-ispazju, u minn 2 170 sa 2 200 MHz għall komunikazzjoni mill-ispazju għad-dinja. Id-Deċiżjoni tistipula wkoll dispożizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni kkoordinata mill-Istati Membri ta' l-operaturi magħżula sabiex jużaw l-ispektrum tar-radju allokat fi ħdan din il-medda għall-operazzjoni ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita.

2. L-operaturi ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita għandhom jintgħażlu permezz ta' proċedura Komunitarja, konformement mat-Titolu II.

3. L-operaturi magħżula ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita għandhom jiġu awtorizzati mill-Istati Membri skond it-Titolu III.

[...]"

10 L-Artikolu 2(2) tal-imsemmija deċiżjoni jipprovdi:

" [...] Il-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

a) 'sistemi mobbli permezz tas-satellita' tfisser netwerks ta' komunikazzjoni elettronika u faċilitajiet assoċjati li jkunu kapaċi jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni bir-radju bejn stazzjon mobbli terrestri u stazzjon spazjali wieħed jew aktar, jew bejn stazzjonijiet mobbli terrestri permezz ta' stazzjon spazjali jew aktar, jew bejn stazzjon mobbli terrestri u [KTK] jew aktar użati f'siti fissi. Tali sistema għandha tinkludi mill-anqas stazzjon terrestri wieħed;

b) '[KTK]' ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita tfisser stazzjonijiet terrestri wżati f'siti fissi, sabiex itejbu d-disponibbiltà tas-servizzi MSS f'żoni ġeografiċi koperti mill-firxa tas-satellita jew satelliti tas-sistema, fejn il-komunikazzjoni ma' stazzjon spazjali jew aktar ma tistax tkun garantita bil-kwalità meħtieġa."

11 It-Titolu II tad-Deċiżjoni MSS, intitolat "Il-Proċedura ta' l-Għażla", jinkludi, b'mod partikolari, l-Artikoli 3 u 4 ta' din id-deċiżjoni. L-Artikolu 3(1) tal-imsemmija deċiżjoni jipprevedi:

"Il-Kummissjoni għandha torganizza proċedura ta' għażla komparattiva għall-għażla ta' l-operaturi ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita. [...]"

12 L-Artikolu 4(1) tal-istess deċiżjoni jipprovdi:

"Ir-rekwiżiti ta' ammissibbiltà li ġejjin għandhom japplikaw:

[…]

b) l-applikazzjonijiet għandhom jidentifikaw l-ammont ta' spektrum tar-radju mitlub, li għandu jkun mhux aktar minn 15 MHz għall-komunikazzjoni mid-dinja għall-ispazju u 15 MHz għall-komunikazzjoni mill-ispazju għad-dinja relattivament għal kwalunkwe applikant wieħed u għandhom jinkludu dikjarazzjonijiet u evidenza li jikkonċernaw l-ispektrum tar-radju mitlub, l-istadji li huma meħtieġa li jintlaħqu u l-kriterji ta' l-għażla;

ċ) l-applikazzjonijiet għandhom jinkludu impenn min-naħa ta' l-applikant li:

[…]

ii) is-servizzi MSS għandhom ikunu disponibbli fl-Istati Membri kollha u dan fir-rigward ta' għall-inqas 50 % tal-popolazzjoni u jkopru għall-inqas 60 % ta' l-erja totali ta' l-art ta' kull Stat Membru saż-żmien stipulat mill-applikant iżda fi kwalunkwe każ mhux iktar tard minn seba' snin mid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni [dwar l-għażla tal-applikanti]."

13 It-Titolu III tad-Deċiżjoni MSS, intitolat "L-Awtorizzazzjoni", jinkludi, b'mod partikolari, l-Artikoli 7 u 8 ta' din id-deċiżjoni. Skont l-Artikolu 7 ta' din tal-aħħar:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti magħżula, konformement mal-perijodu ta' żmien u ż-żona ta' servizz li l-applikanti magħżula jkunu kkommettew ruħhom għalihom, skond l-Artikolu 4(1)(ċ), u konformement mal-liġi nazzjonali u mal-liġi [tal-Unjoni], ikollhom id-dritt li jużaw il-frekwenza tar-radju speċifika identifikata fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni [dwar l-għażla tal-applikanti], u d-dritt li joperaw sistema mobbli permezz tas-satellita. Huma għandhom jinfurmaw lill-applikanti magħżula dwar dawn id-drittijiet skond il-każ.

2. Id-drittijiet koperti mill-paragrafu 1 għandhom ikunu suġġetti għal dawn il-kondizzjonijiet komuni li ġejjin:

[…]

(ċ) l-applikanti magħżula għandhom jonoraw kwalunkwe impenn meħud fl-applikazzjonijiet tagħhom jew waqt il-proċedura ta' għażla komparattiva, irrispettivament minn jekk id-domanda kollha għall-ispektrum tar-radju tkunx ikbar mill-ammont disponibbli;

[…]"

14 L-Artikolu 8 tal-imsemmija deċiżjoni jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom, konformement mal-liġi nazzjonali u mal-liġi Komunitarja, jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jagħtu, lill-applikanti magħżula skond it-Titolu II u li jkunu awtorizzati li jużaw l-ispektrum konformement ma' l-Artikolu 7, l-awtorizzazzjonijiet neċessarji għall-provvista ta' [KTK] tas-sistemi mobbli permezz tas-satellita fit-territorji tagħhom.

[…]

3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni nazzjonali maħruġa għall-operazzjoni ta' [KTK] ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita fil-medda ta' frekwenzi ta' 2 GHz għandha tkun suġġetta għall-kondizzjonijiet komuni li ġejjin:

a) l-operaturi għandhom jużaw l-ispektrum tar-radju li jkun ġie allokat lilhom sabiex jipprovdu komponenti terrestri komplementari ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita;

b) il-[KTK] għandhom jikkostitwixxu parti integrali mis-sistema mobbli permezz tas-satellita u għandhom ikunu kkontrollati mill-mekkaniżmu tal-ġestjoni tar-riżorsi u tan-netwerk satellitari; huma għandhom jużaw l-istess direzzjoni ta' trażmissjoni u l-istess partijiet tal-meded ta' frekwenza bħal dawk użati mill-komponenti satellitari assoċjati u ma għandhomx ikabbru l-ħtieġa ta' spektrum tas-sistema mobbli permezz tas-satellita assoċjata;

ċ) l-operazzjoni indipendenti ta' [KTK] f'każ ta' defiċjenza tal-komponent tas-satellita tas-sistema mobbli assoċjata ma għandhiex iddum għal aktar minn tmintax-il xahar;

d) id-drittijiet għall-użu u għal awtorizzazzjonijiet għandhom jingħataw għal perijodu ta' żmien li jispiċċa mhux iktar tard mill-iskadenza ta' l-awtorizzazzjoni tas-sistema mobbli assoċjata."

***Id-Deċiżjoni ta' Għażla***

15 Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/449/KE tat-13 ta' Mejju 2009 dwar l-għażla ta' operaturi ta' sistemi pan-Ewropej li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita (MSS) (ĠU 2009, L 149, p. 65, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni ta' Għażla"):

"Inmarsat Ventures Limited u Solaris Mobile Limited huma applikanti eleġibbli bħala riżultat tal-ewwel fażi tal-għażla tal-proċedura ta' għażla komparattiva prevista fit-Titolu II tad-Deċiżjoni [MSS].

Peress li d-domanda totali għal spektrum tar-radju rikjesta mill-applikanti eleġibbli miżmuma bħala riżultat tal-ewwel fażi tal-għażla tal-proċedura ta' għażla komparattiva prevista f'Titolu II tad-Deċiżjoni [MSS] mhijiex iktar mill-ammont ta' spektrum tar-radju disponibbli msemmija fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni [MSS], Inmarsat Ventures Limited u Solaris Mobile Limited huma magħżula."

16 L-Artikolu 3 ta' din id-deċiżjoni huwa fformulat kif ġej:

"Il-frekwenzi li kull applikant magħżul se jkun awtorizzat juża f'kull Stat Membru skont it-Titolu III tad-Deċiżjoni [MSS] huma dawn:

a) Inmarsat Ventures Limited: minn 1 980 sa 1 995 MHz għal komunikazzjonijiet mid-Dinja għall-ispazju u minn 2 170 sa 2 185 MHz għal komunikazzjonijiet mill-ispazju għad-Dinja;

[...]"

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

17 Fi tmiem il-proċedura ta' għażla msemmija fit-Titolu II tad-Deċiżjoni MSS, Inmarsat intgħażlet mill-Kummissjoni, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Għażla, bħala waħda mill-operaturi ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita.

18 Din l-impriża żviluppat sistema msejħa "European Aviation Network" (Network tal-Avjazzjoni Ewropea, iktar 'il quddiem "NAE"), intiż li tipprovdi servizzi ta' konnettività fl-ajru għall-ajruplani li jtiru fl-Unjoni permezz ta' trażmissjonijiet bis-satellita li jiġu rċevuti permezz ta' terminal li jinsab fuq il-qafas tal-ajruplani, u ta' trażmissjonijiet li jitilqu minn KTK stazzjonati fit-territorju tal-Unjoni, li jiġu rċevuti minn terminal li jinsab taħt il-qafas tal-ajruplani.

19 Permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Ottubru 2014, l-ARCEP awtorizzat lil Inmarsat sabiex tuża, fit-territorju ta' Franza, il-frekwenzi msemmija fl-Artikolu 3(a) tad-Deċiżjoni ta' Għażla. Barra minn hekk, permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Frar 2018 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tat-22 ta' Frar 2018"), din l-awtorità tat lil Inmarsat l-awtorizzazzjoni għall-operat tal-KTK ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita.

20 Eutelsat, kompetitriċi ta' Inmarsat, adixxiet lill-qorti tar-rinviju, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), b'rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tat-22 ta' Frar 2018, ibbażat, b'mod partikolari, fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni.

21 F'dan ir-rigward, Eutelsat tqajjem prinċipalment tliet motivi. Hija ssostni, l-ewwel nett, li s-sistema NAE prevista minn Inmarsat ma tikkostitwixxix sistema mobbli permezz tas-satellita, peress li l-KTK tagħha ma jagħmlux parti integrali minnha. It-tieni nett, il-KTK awtorizzati bid-deċiżjoni tat-22 ta' Frar 2018 ma għandhomx natura komplementari meta mqabbla mal-komponent satellitari ta' dan in-network. It-tielet nett, il-fatt li Inmarsat ma kinitx ipprovdiet servizzi mobbli permezz tas-satellita fid-data prevista fl-Artikolu 4(1)(ċ)(ii) tad-Deċiżjoni MSS jostakola l-ħruġ tal-awtorizzazzjoni għall-operat tal-KTK ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita.

22 Viasat Inc. u Viasat UK Ltd (iktar 'il quddiem flimkien "Viasat") intervjenew insostenn tar-rikors għal annullament ippreżentat minn Eutelsat.

23 Il-qorti tar-rinviju tqis, qabelxejn, li r-risposta li għandha tingħata għall-ewwel motiv imsemmi fil-punt 21 ta' din is-sentenza teħtieġ b'mod partikolari li jiġu ddeterminati l-kriterji legali li jippermettu li jiġi identifikat "stazzjon mobbli terrestri ", fis-sens tad-Deċiżjoni MSS, sabiex jiġi vverifikat jekk is-sistema NAE tistax titqies li tissodisfa dawn il-kriterji.

24 Sussegwentement, skont din il-qorti, ir-risposta għat-tieni motiv imsemmi fil-punt 21 ta' din is-sentenza teżiġi li jiġi ċċarat ir-rwol rispettiv tal-komponenti satellitari u terrestri ta' sistema mobbli permezz tas-satellita, skont l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni MSS, kif ukoll il-kunċett ta' "kwalità meħtieġa", fis-sens tal-punt (b) ta' dan l-Artikolu 2(2).

25 Fl-aħħar nett, l-imsemmija qorti tqis li r-risposta għat-tielet motiv imsemmi fil-punt 21 ta' din is-sentenza teħtieġ li jiġi ppreċiżat l-effett ta' eventwali nuqqas ta' osservanza tad-data ta' skadenza prevista fl-Artikolu 4(1)(ċ)(ii) tad-Deċiżjoni MSS, mill-operatur magħżul skont it-Titolu II tagħha, għall-kopertura tat-territorju permezz ta' sistema mobbli permezz tas-satellita

u, b'mod partikolari, li jiġi ddeterminat jekk, fil-każ ta' tali nuqqas, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhomx jirrifjutaw li jagħtu awtorizzazzjonijiet għall-operat tal-KTK jew jekk, tal-inqas, jistgħux jirrifjutaw li jagħtu dawn l-awtorizzazzjonijiet.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Liema kriterji legali jistgħu jintużaw sabiex jiġi identifikat stazzjon mobbli terrestri fis-sens tad-Deċiżjoni [MSS]? Din id-deċiżjoni għandha tinqara bħala li tirrikjedi li stazzjon mobbli terrestri li jikkomunika ma' [KTK] jista' wkoll, mingħajr tagħmir separat, jikkomunika ma' satellita? Kif, jekk fl-affermattiv, għandu jiġi evalwat jekk it-tagħmir huwiex l-istess?

2) Id-dispożizzjonijiet [tal-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni MSS] għandhom jiġu interpretati fis-sens li sistema mobbli permezz tas-satellita għandha tkun ibbażata prinċipalment fuq komponenti satellitari jew jippermettu li jitqies li r-rwol rispettiv ta' komponenti satellitari u terrestri huwa irrilevanti, inkluż f'konfigurazzjoni fejn il-komponent satellitari huwa utli biss meta l-komunikazzjonijiet ma' komponenti terrestri ma jistgħux jiġu żgurati? Jistgħu jiġu installati [KTK] sabiex ikopru t-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea għar-raġuni li l-istazzjonijiet spazjali fl-ebda punt ma jistgħu jiżguraw il-kwalità rikjesta ta' komunikazzjonijiet fis-sens [tal-Artikolu 2(2) ta' din id-deċiżjoni]?

3) Fil-każ li l-operatur magħżul konformement mat-Titolu II [tad-Deċiżjoni MSS] ma osservax l-impenji għal dak li jirrigwarda l-kopertura tat-territorju ddefiniti [fl-Artikolu 7(2) ta' din id-deċiżjoni] sat-terminu previst [fl-Artikolu 4(1)(ċ)(ii) ta' din l-imsemmija deċiżjoni]), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jirrifjutaw li jagħtu awtorizzazzjonijiet għall-operazzjoni ta' [KTK]? Fil-każ ta' risposta negattiva, jistgħu jirrifjutaw li jagħtu dawn l-awtorizzazzjonijiet?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq it-tieni domanda*

27 Sabiex tingħata risposta għat-tieni domanda, li għandha tiġi eżaminata fl-ewwel lok, għandu jiġi ppreċiżat li huwa paċifiku li, f'dan il-każ, is-sistema żviluppata minn Inmarsat, filwaqt li għandha satellita, hija bbażata, f'termini ta' kapaċità tad-data trażmessa, essenzjalment fuq il-komunikazzjonijiet mal-istazzjonijiet terrestri, peress li dawn tal-aħħar ikopru t-territorju Ewropew kollu tal-Istati Membri. Għalhekk, l-istazzjonijiet terrestri inkwistjoni fil-kawża prinċipali li Inmarsat ġiet awtorizzata topera bħala KTK ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita, bid-deċiżjoni tat-22 ta' Frar 2018, jestendu tul it-territorju kollu ta' Franza.

28 Barra minn hekk, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 67 tal-konklużjonijiet tiegħu, mill-atti tal-proċess tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li s-satellita użata minn Inmarsat fil-kuntest tas-sistema mobbli permezz tas-satellita tagħha hija intiża li tintuża biss fiż-żoni mhux koperti mill-istazzjonijiet terrestri operati minn din l-impriża, jiġifieri b'mod partikolari fuq l-ibħra.

29 Għaldaqstant, permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(2)(a) u (b) tad-Deċiżjoni MSS għandux jiġi interpretat fis-sens li sistema mobbli permezz tas-satellita għandha tkun ibbażata prinċipalment, f'termini ta' kapaċità tad-data trażmessa, fuq il-komponent satellitari ta' din is-sistema u jekk KTK ta' sistemi mobbli permezz

tas-satellita jistgħux jiġu installati b'mod li jkopru t-territorju kollu tal-Unjoni, minħabba li dan il-komponent satellitari ma jippermettix li jiġu żgurati l-komunikazzjonijiet f'ebda punt ta' dan it-territorju bil-"kwalità meħtieġa", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

30 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 2(2)(a) tad-Deċiżjoni MSS, is-"sistemi mobbli permezz tas-satellita" huma ddefiniti bħala n-networks ta' elettronika u faċilitajiet assoċjati li jippermettu li jiġu pprovduti servizzi ta' komunikazzjoni bir-radju bejn stazzjon mobbli terrestri u stazzjon spazjali wieħed jew iktar, jew bejn stazzjonijiet mobbli terrestri permezz ta' stazzjon spazjali wieħed jew iktar, jew bejn stazzjon mobbli terrestri u diversi KTK użati f'punti determinati. Din id-dispożizzjoni tippreċiża wkoll li s-sistemi ta' dan it-tip jinkludu mill-inqas stazzjon spazjali wieħed.

31 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 2(2)(b) ta' din id-deċiżjoni, il-"komponenti terrestri komplementari" ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita huma l-istazzjonijiet terrestri użati f'punti determinati, sabiex itejbu d-disponibbiltà tas-servizzi mobbli permezz tas-satellita fiż-żoni ġeografiċi koperti mill-firxa tas-satellita jew satelliti tas-sistema, fejn il-komunikazzjonijiet ma' stazzjon spazjali wieħed jew iktar ma jistgħux ikunu żgurati bil-kwalità meħtieġa.

32 Fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet neċessarji għall-provvista ta' KTK ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita, l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni MSS jipprevedi li huma l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li għandhom jagħtu dawn l-awtorizzazzjonijiet, b'effett fit-territorji nazzjonali rispettivi tagħhom, lill-applikanti magħżula skont it-Titolu II ta' din id-deċiżjoni u awtorizzati jużaw l-ispektrum skont l-Artikolu 7 tal-imsemmija deċiżjoni.

33 Skont l-Artikolu 8(3) tal-istess deċiżjoni, l-imsemmija awtorizzazzjonijiet huma suġġetti għal kundizzjonijiet komuni, elenkati fil-punti (a) sa (d) ta' din id-dispożizzjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ, b'mod partikolari, li l-operaturi jużaw l-ispektrum tal-frekwenzi tar-radju li jkun ġie allokat lilhom għall-provvista ta' KTK ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita. Barra minn hekk, il-[KTK] għandhom jikkostitwixxu parti integrali mis-sistema mobbli permezz tas-satellita, għandhom ikunu kkontrollati mill-mekkaniżmu ta' ġestjoni tar-riżorsi u tan-networks satellitari, għandhom jużaw l-istess direzzjoni ta' trażmissjoni u l-istess partijiet tal-medda ta' frekwenza bħal dawk użati mill-komponenti satellitari assoċjati u ma għandux ikollhom bżonn frekwenzi oħrajn minbarra dawk tas-sistema mobbli permezz tas-satellita assoċjata. Barra minn hekk, il-funzjonament awtonomu tal-KTK, fil-każ ta' ħsara tal-komponent satellitari tas-sistema mobbli permezz tas-satellita assoċjata, ma għandux jeċċedi tmintax-il xahar.

34 Qabel kollox, mid-dispożizzjonijiet imfakkra iktar 'il fuq jirriżulta li "sistema mobbli permezz tas-satellita", fis-sens tad-Deċiżjoni MSS, għandha b'mod obbligatorju tinkludi mill-inqas stazzjon spazjali, filwaqt li l-operat ta' KTK huwa biss fakultattiv. Barra minn hekk, meta operatur ikun jixtieq juża KTK, il-kundizzjonijiet komuni previsti fl-Artikolu 8(3) ta' din id-deċiżjoni għandhom jiġu osservati.

35 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li la l-Artikolu 2(2)(a) u (b) tad-Deċiżjoni MSS u lanqas l-Artikolu 8(1) u (3) tagħha ma jiddefinixxu, f'termini ta' kapaċità tad-data trażmessa, ir-relazzjoni bejn il-komponent satellitari ta' sistema mobbli permezz tas-satellita, minn naħa, u l-komponent terrestri ta' din is-sistema, min-naħa l-oħra.

36 B'mod partikolari, ma tista' tinsilet ebda konklużjoni dwar dan il-punt mill-użu tat-terminu "kumplementari" fl-espressjoni "komponenti terrestri kumplementari", peress li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 77 tal-konklużjonijiet tiegħu, din il-kelma ma tagħti ebda indikazzjoni dwar l-importanza relattiva taż-żewġ komponenti.

37 Konsegwentement, ma jistax jiġi kkunsidrat li sistema mobbli permezz tas-satellita, li tifforma parti minnha kemm satellita kif ukoll KTK, għandha tkun prinċipalment ibbażata, f'termini ta' kapaċità tad-data trażmessa, fuq il-komponent satellitari ta' din is-sistema.

38 Sussegwentement, fir-rigward tal-portata tal-kopertura tal-KTK, għandu jiġi rrilevat, qabel kollox, li, skont l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni MSS, huwa biss għat-territorji nazzjonali rispettivi tagħhom li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jagħtu l-awtorizzazzjonijiet neċessarji għall-provvista ta' KTK ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita.

39 Konformement mal-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 8(3)(a) ta' din id-deċiżjoni, komuni għall-awtorizzazzjonijiet kollha maħruġa mill-Istati Membri, l-operatur għandu juża l-frekwenzi tar-radju assenjati lilu għall-provvista ta' KTK ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita. Għaldaqstant, l-istazzjonijiet terrestri li operatur jitlob li jopera bħala KTK għandhom jikkorrispondu għal "KTK ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tal-imsemmija deċiżjoni.

40 Din l-aħħar dispożizzjoni turi żewġ rekwiżiti prinċipali sabiex stazzjon terrestri jkun jista' jiġi kklassifikat bħala "KTK ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita". F'termini tal-post fejn jinsab, dan l-istazzjon terrestri għandu jintuża f'punt determinat u jkopri żona ġeografika koperta mill-firxa tas-satellita jew tas-satelliti tas-sistema mobbli permezz tas-satellita kkonċernata. Barra minn hekk, minn perspettiva funzjonali, huwa għandu jintuża sabiex itejjeb id-disponibbiltà tas-servizz mobbli permezz tas-satellita fiż-żoni fejn il-komunikazzjonijiet mal-komponent satellitari ta' din is-sistema ma jkunux jistgħu jiġu żgurati bil-kwalità meħtieġa.

41 Minn dan isegwi li, sakemm dawn ir-rekwiżiti jkunu ssodisfatti u li l-kundizzjonijiet komuni l-oħra, previsti fl-Artikolu 8(3) tad-Deċiżjoni MSS, ikunu ssodisfatti, l-ebda limitu fir-rigward tan-numru ta' KTK li jistgħu jintużaw jew tal-portata tal-kopertura ġeografika tagħhom ma jista' jiġi dedott mill-Artikolu 2(2)(b) ta' din id-deċiżjoni jew minn xi dispożizzjoni oħra tagħha.

42 Fir-rigward, f'dan il-kuntest, tal-kunċett ta' "kwalità meħtieġa", li jinsab fl-imsemmi Artikolu 2(2)(b) u speċifikament imsemmi mill-qorti tar-rinviju, il-Kummissjoni ssostni, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li dan għandu jiġi interpretat fir-rigward tal-komponent satellitari tas-sistema mobbli permezz tas-satellita kkonċernata. Għalhekk, il-"kwalità meħtieġa" għandha tinftiehem bħala l-livell tal-kapaċità massima ta' trażmissjoni ta' data li dan il-komponent ikun f'pożizzjoni li jipprovdi f'ċirkustanzi normali ta' użu kummerċjali, f'kundizzjonijiet ideali ta' komunikazzjoni, f'post partikolari fejn ikun jinsab stazzjon terrestri.

43 Din l-interpretazzjoni, li ma għandha l-ebda bażi fil-formulazzjoni tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Deċiżjoni MSS, ma tistax tintlaqa'.

44 Għall-kuntrarju, fid-dawl tal-kuntest li jaqa' fih l-imsemmi Artikolu 2(2)(b) kif ukoll tal-għanijiet imfittxija mid-Deċiżjoni MSS, għandu jiġi kkunsidrat li l-"kwalità meħtieġa", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, hija ddeterminata, fl-ewwel lok, skont il-livell ta' kwalità neċessarju sabiex jiġi pprovdut is-servizz propost mill-operatur tas-sistema mobbli permezz tas-satellita kkonċernata.

45 Fil-fatt, skont l-Artikolu 8(3)(b) tad-Deċiżjoni MSS, moqri fid-dawl tal-premessa 18 tagħha, il-KTK jifformaw parti integrali mis-sistema mobbli permezz tas-satellita. F'dan ir-rigward, is-servizzi pprovduti minn tali sistema jikkostitwixxu, kif jirriżulta mill-premessa 5 ta' din id-deċiżjoni, pjattaforma ġdida għal tipi differenti ta' servizzi pan-Ewropej ta' telekomunikazzjonijiet u ta' xandir/multicasting, bħall-aċċess għall-internet/intranet b'veloċità għolja jew multimedja mobbli. Barra minn hekk, mill-premessi 1 u 5 tal-imsemmija deċiżjoni jirriżulta li din hija intiża sabiex tippromwovi l-innovazzjoni kif ukoll l-interessi tal-konsumaturi.

46 Issa, il-provvista ta' tali servizzi, innovattivi u ta' kwalità, dejjem teħtieġ iktar kapaċità. Barra minn hekk, la jidher teknikament possibbli u lanqas kummerċjalment vijabbli għall-operatur ta' sistema mobbli permezz tas-satellita li jissodisfa t-talbiet għal kapaċità u, konsegwentement, ta' kwalità miżjuda bit-tisħiħ biss tal-komponent satellitari tas-sistema tiegħu, peress li l-kwantità ta' spektrum tar-radju li dan l-operatur għandu hija limitata u tammonta, skont l-Artikolu 4(1)(b) tad-Deċiżjoni MSS, għal massimu ta' 15 MHz għall-komunikazzjonijiet mid-dinja għall-ispazju u għal massimu ta' 15 MHz għal komunikazzjonijiet mill-ispazju għad-dinja.

47 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-użu ikbar ta' stazzjonijiet terrestri, li huma, fid-dawl tal-proprjetajiet tekniċi intrinsiċi tagħhom, iktar effiċjenti f'termini ta' kapaċità, jista' jkun iktar adattat sabiex jissodisfa dawn il-bżonnijiet u jippermetti, barra minn hekk, użu iktar effikaċi tal-frekwenzi tar-radju, liema għan huwa enfasizzat fil-premessa 4 tad-Deċiżjoni MSS.

48 Għandu jiġi rrilevat ukoll, f'dan ir-rigward, li l-prinċipju ta' newtralità teknoloġika, li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni f'dan il-qasam, jirrikjedi li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni ma tillimitax l-innovazzjoni u l-progress teknoloġiku.

49 Barra minn hekk, mill-formulazzjoni tal-premessa 18 tad-Deċiżjoni MSS ma tipprekludix tali interpretazzjoni sa fejn din, billi tiddikjara li l-KTK huma ġeneralment użati sabiex itejbu s-servizzi offruti mis-satellita fiż-żoni fejn ma huwiex neċessarjament possibbli li tinżamm linja viżwali kontinwa miegħu minħabba ostakoli mill-profil għoli tal-bini u tal-proprjetà, sempliċement tirreferi għal ċertu tip ta' użu possibbli ta' KTK, mingħajr madankollu ma teskludi oħrajn.

50 Madankollu, għandu jingħad ukoll li, skont l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni MSS, din għandha l-għan li tiffavorixxi l-iżvilupp ta' suq intern kompetittiv tas-servizzi mobbli permezz tas-satellita, liema għan huwa enfasizzat ukoll mill-premessi 5 u 19 ta' din id-deċiżjoni. Issa, fid-dawl ta' dan l-għan, id-dritt li jiġu operati KTK mogħtija lill-operatur ta' tali sistema mobbli permezz tas-satellita ma għandux iwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq ikkonċernat.

51 Għaldaqstant, hija l-awtorità nazzjonali kompetenti, li hija l-unika waħda li għandha s-setgħa li tagħti l-awtorizzazzjonijiet neċessarji għall-provvista ta' KTK ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita, li għandha teżamina sa fejn l-operat ta' KTK mitlub jista' joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u tissuġġetta l-imsemmija awtorizzazzjonijiet għal limitazzjonijiet u obbligi adegwati u neċessarji sabiex il-kompetizzjoni ma tiġix distorta, jew saħansitra, jekk ikun il-każ, li tirrifjuta l-awtorizzazzjoni.

52 Minn dan isegwi li l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru hija awtorizzata tawtorizza li KTK ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita jiġu operati b'mod li jkopru t-territorju kollu ta' dan l-Istat Membru, minħabba li, fl-ebda punt ta' dan it-territorju, il-komponent satellitari tas-sistema mobbli permezz tas-satellita kkonċernat ma jippermetti li jiġu żgurati l-komunikazzjonijiet

bil-"kwalità meħtieġa", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Deċiżjoni MSS, mifhuma bħala l-livell ta' kwalità neċessarja sabiex jiġi pprovdut is-servizz propost mill-operatur ta' din is-sistema, sakemm il-kompetizzjoni ma tkunx distorta.

53 Fl-aħħar nett, hija wkoll din l-awtorità li għandha tivverifika li l-kundizzjoni komuni prevista fl-Artikolu 8(3)(ċ) ta' din id-deċiżjoni, li tipprovdi li kull funzjonament awtonomu tal-KTK għandu jkun limitat għall-każ ta' ħsara tal-komponent satellitari ta' din is-sistema u li ma għandux jaqbeż it-tmintax-il xahar, ser jiġi osservat.

54 Fil-fatt, minn din id-dispożizzjoni, moqrija flimkien mal-Artikolu 2(2)(a) u (b) tad-Deċiżjoni MSS, jirriżulta li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 72 tal-konklużjonijiet tiegħu, sistema mobbli permezz tas-satellita għandha mhux biss ikollha komponent satellitari, iżda din għandha tintuża wkoll effettivament.

55 Minn dan isegwi li l-komponent satellitari ta' sistema mobbli permezz tas-satellita għandu jaħdem, fil-prattika, flimkien mal-KTK u li r-rwol tiegħu ma jistax ikun limitat, fir-realtà, sabiex jiżgura li, mill-perspettiva formali, il-kundizzjonijiet previsti mid-Deċiżjoni MSS ikunu ssodisfatti.

56 Għaldaqstant, l-awtorità nazzjonali kompetenti hija obbligata tivverifika li l-komponent satellitari tas-sistema mobbli permezz tas-satellita kkonċernata jkollu utilità reali u konkreta, fis-sens li tali komponent għandu jkun neċessarju għall-funzjonament tal-imsemmija sistema, bla ħsara, kif ġie ppreċiżat fil-punt 33 ta' din is-sentenza, ta' funzjonament awtonomu tal-KTK fil-każ ta' ħsara tal-komponent satellitari, li ma għandhiex taqbeż it-tmintax-il xahar.

57 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 2(2)(a) u (b) tad-Deċiżjoni MSS, moqri flimkien mal-Artikolu 8(1) u (3) ta' din id-deċiżjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li sistema mobbli permezz tas-satellita ma għandhiex tkun ibbażata prinċipalment, f'termini ta' kapaċità tad-data trażmessa, fuq il-komponent satellitari ta' din is-sistema u li KTK ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita jistgħu jiġu installati b'mod li jkopri t-territorju tal-Unjoni kollu, minħabba li dan il-komponent satellitari ma jippermettix li jiġu żgurati l-komunikazzjonijiet f'ebda punt ta' dan it-territorju bil-"kwalità meħtieġa", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tal-imsemmija deċiżjoni, mifhuma bħala l-livell ta' kwalità neċessarja sabiex jiġi pprovdut is-servizz propost mill-operatur ta' din is-sistema, sakemm il-kompetizzjoni ma tkunx distorta u li l-imsemmi komponent satellitari jkollu utilità reali u konkreta, fis-sens li tali komponent għandu jkun neċessarju għall-funzjonament tas-sistema mobbli permezz tas-satellita, ħlief fil-każ ta' ta' funzjonament awtonomu tal-KTK fil-każ ħsara tal-komponent satellitari, li ma għandhiex taqbeż it-tmintax-il xahar.

### *Fuq l-ewwel domanda*

58 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-kunċett ta' "stazzjon mobbli terrestri", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Deċiżjoni MSS, għandux jiġi interpretat fis-sens li huwa meħtieġ li, sabiex jaqa' taħt dan il-kunċett, tali stazzjon għandu jkun jista' jikkomunika, mingħajr apparat separat, kemm ma' KTK kif ukoll ma' satellita.

59 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, f'dan il-każ, fil-kuntest tas-sistema żviluppata minn Inmarsat, l-ajruplani mgħammra b'din is-sistema għandhom terminal ta' riċezzjoni li jinsab fuq il-qafas tal-ajruplan kif ukoll terminal ta' riċezzjoni li jinsab taħtu. Filwaqt li l-ewwel terminal

jirċievi komunikazzjonijiet bis-satellita, it-tieni jirċievi dawk li jsiru minn KTK. Barra minn hekk, mill-atti tal-proċess tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ż-żewġ terminali huma konnessi permezz ta' apparat ta' komunikazzjoni.

60 F'dan ir-rigward, Eutelsat u Viasat isostnu, essenzjalment, minn naħa, li t-terminal ta' riċezzjoni li jinsab taħt il-qafas tal-ajruplan ma jistax jitqies bħala "stazzjon mobbli terrestri ", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Deċiżjoni MSS, fil-każ li dan it-terminal ta' riċezzjoni ma jkunx jista' jikkomunika ma' satellita. Min-naħa l-oħra, skont dawn il-partijiet, ma huwiex possibbli li ż-żewġ terminali kif ukoll l-apparat ta' komunikazzjoni. jitqiesu, fl-intier tagħhom, bħala li jikkostitwixxu tali stazzjon.

61 Għandu jiġi rrilevat li, filwaqt li d-Deċiżjoni MSS ma tipprovdix preċiżazzjonijiet dwar il-kontenut tal-kunċett ta' "stazzjon mobbli terrestri", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) ta' din id-deċiżjoni, ir-Regolamenti dwar il-Komunikazzjoni bir-Radju jipprovdu definizzjoni ta' tali kunċett.

62 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-testi tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati, sa fejn huwa possibbli, fid-dawl tad-dritt internazzjonali (sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Zeman, C-543/12, EU:C:2014:2143, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan japplika b'mod partikolari meta tali test juża kunċetti speċifiċi użati fi ftehim internazzjonali konkluż taħt l-awspiċi ta' organizzazzjoni internazzjonali, bħall-ITU, li l-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma membri tagħha u li l-Unjoni stess hija "membru tas-settur".

63 Għaldaqstant, għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "stazzjon mobbli terrestri", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Deċiżjoni MSS, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni d-definizzjoni pprovduta mir-Regolamenti dwar il-Komunikazzjoni bir-Radju.

64 Skont in-numru 1.68 tal-Artikolu 1 tar-Regolament dwar il-Komunikazzjoni bir-Radju, "stazzjon mobbli terrestri" huwa stazzjon terrestri tas-servizz mobbli permezz tas-satellita intiż sabiex jintuża meta jkun qed jiċċaqlaq jew meta jieqaf f'destinazzjonijiet mhux stabbiliti. F'dan ir-rigward, l-espressjonijiet "stazzjon", "stazzjon terrestri" u "servizz mobbli permezz tas-satellita" huma stess iddefiniti, rispettivament, fin-numri 1.61, 1.63 u 1.25 ta' dan l-Artikolu 1.

65 Minn dawn id-dispożizzjonijiet kollha jirriżulta li stazzjon mobbli terrestri, fis-sens tar-Regolamenti dwar il-Komunikazzjoni bir-Radju, huwa kkaratterizzat minn erba' elementi distinti, f'termini ta' struttura, il-post fejn jinsab, ta' mobbiltà u ta' funzjoni.

66 L-ewwel nett, fir-rigward tal-istruttura tiegħu, tali stazzjon jikkonsisti fi trażmettitur jew riċevitur wieħed jew iktar, jew grupp ta' trażmettituri u ta' riċevituri, inkluż it-tagħmir aċċessorju.

67 It-tieni nett, fir-rigward tal-post fejn dan jinsab, stazzjon mobbli terrestri jinsab jew fuq wiċċ id dinja, jew fil-parti prinċipali tal-atmosfera terrestri.

68 It-tielet nett, fir-rigward tal-aspett relatat mal-mobbiltà tiegħu, tali stazzjon huwa intiż sabiex jintuża meta jkun qed jiċċaqlaq jew meta jieqaf f'destinazzjonijiet mhux stabbiliti.

69 Ir-raba' nett, fir-rigward tal-aspett funzjonali ta' stazzjon mobbli terrestri, għandu jiġi rrilevat li, fil-kuntest tal-provvista ta' ċerti tipi ta' servizzi ta' komunikazzjoni bir-radju, dan huwa intiż sabiex jippermetti l-komunikazzjoni bejn stazzjonijiet spazjali, jew sabiex jikkomunika ma' stazzjon spazjali wieħed jew iktar, jew ma' stazzjonijiet oħra tal-istess natura, permezz ta' stazzjon spazjali wieħed jew iktar.

70 Issa, fir-rigward ta' dan l-aspett funzjonali u kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 46 tal-konklużjonijiet tiegħu, b'differenza mir-Regolamenti dwar il-Komunikazzjoni bir-Radju, l-Artikolu 2(2)(a) tad-Deċiżjoni MSS ma jipprevedix, fir-rigward tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet bir-radju msemmija f'din id-dispożizzjoni, il-komunikazzjonijiet bejn stazzjonijiet spazjali, filwaqt li jinkludi l-komunikazzjonijiet bejn stazzjon mobbli terrestri u KTK wieħed jew iktar. Barra minn hekk, l-imsemmija dispożizzjoni tipprevedi li s-sistemi mobbli permezz tas-satellita jinkludu mill-inqas stazzjon spazjali wieħed.

71 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li "stazzjon mobbli terrestri", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Deċiżjoni MSS, huwa stazzjon, jiġifieri trażmettur jew riċevitur wieħed jew iktar, jew grupp ta' trażmettituri jew ta' riċevituri, inkluż tagħmir aċċessorju, li jkun jinsab fuq wiċċ id dinja jew fil-parti prinċipali tal-atmosfera terrestri, intiż sabiex jintuża meta jkun qed jiċċaqlaq jew meta jieqaf f'destinazzjonijiet mhux stabbiliti, li għandu jkun jista' jikkomunika ma' stazzjon spazjali wieħed jew iktar tal-istess natura permezz ta' stazzjon spazjali wieħed jew iktar, u li jkun jista' jikkomunika ma' KTK wieħed jew iktar.

72 F'dak li jirrigwarda konfigurazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi kkonstatat li jissodisfa dawn ir-rekwiżiti grupp kompost minn żewġ terminali ta' riċezzjoni distinti konnessi minn apparat ta' komunikazzjoni, fejn l-ewwel wieħed ikun jinsab fuq il-qafas tal-ajruplan u jikkomunika ma' stazzjon spazjali u t-tieni wieħed ikun jinsab taħt dan il-qafas u jikkomunika ma' KTK.

73 Għall-kuntrarju, kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tiegħu, huwa irrilevanti, f'dan ir-rigward, il-fatt li l-komponenti individwali ma jkunux jifformaw unità fiżikament inseparabbli.

74 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-kunċett ta' "stazzjon mobbli terrestri", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Deċiżjoni MSS, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma huwiex meħtieġ li, sabiex jaqa' taħt dan il-kunċett, tali stazzjon għandu jkun jista' jikkomunika, mingħajr apparat distint, kemm ma' KTK kif ukoll ma' satellita.

### *Fuq it-tielet domanda*

75 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni MSS, moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) ta' din id-deċiżjoni, għandux jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ fejn jirriżulta li operatur magħżul skont it-Titolu II tal-imsemmija deċiżjoni u awtorizzat juża l-ispektrum tar-radju skont l-Artikolu 7 ta' din l-istess deċiżjoni ma jkunx ipprovda servizzi mobbli permezz tas-satellita sat-terminu previst mill-Artikolu 4(1)(ċ)(ii) tad-Deċiżjoni MSS, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jew, tal-inqas, jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-awtorizzazzjonijiet neċessarji għall-provvista ta' KTK ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita lil dan l-operatur minħabba li dan ma jkunx osserva l-impenn meħud minnu fl-applikazzjoni tiegħu.

76 Sa fejn, fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Marzu 2020, Viasat UK u Viasat (C-100/19, EU:C:2020:174), il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ntalbet teżamina domanda identika, ir-risposta mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għal din id-domanda, kif tinsab fid-dispożittiv ta' din is-sentenza, hija kompletament trasponibbli għal din id-domanda preliminari.

77 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għat-tielet domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni MSS, moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) ta' din id-deċiżjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ fejn jirriżulta li operatur magħżul skont it-Titolu II tal-imsemmija deċiżjoni u awtorizzat diġà l-ispektrum tar-radju skont l-Artikolu 7 ta' din l-istess deċiżjoni ma jkunx ipprovda servizzi mobbli permezz tas-satellita permezz ta' sistema mobbli permezz tas-satellita sat-terminu previst fl-Artikolu 4(1)(ċ)(ii) tad-Deċiżjoni MSS, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma humiex awtorizzati jirrifjutaw li jagħtu l-awtorizzazzjonijiet neċessarji għall-provvista ta' KTK ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita lil dan l-operatur minħabba li dan ma jkunx osserva l-impenn meħud minnu fl-applikazzjoni tiegħu.

**Fuq l-ispejjeż**

78 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**1) L-Artikolu 2(2)(a) u (b) tad-Deċiżjoni Nru 626/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2008 dwar l-għażla u l awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita (MSS), moqri flimkien mal-Artikolu 8(1) u (3) ta' din id-deċiżjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li sistema mobbli permezz tas-satellita ma għandhiex tkun ibbażata prinċipalment, f'termini ta' kapaċità tad-data trażmessa, fuq il-komponent satellitari ta' din is-sistema u li komponenti terrestri kumplementari ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita jistgħu jiġu installati b'mod li jkopri t-territorju tal-Unjoni Ewropea kollu, minħabba li dan il-komponent satellitari ma jippermettix li jiġu żgurati l-komunikazzjonijiet f'ebda punt ta' dan it-territorju bil-"kwalità meħtieġa", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tal-imsemmija deċiżjoni, mifhuma bħala l-livell ta' kwalità neċessarja sabiex jiġi pprovdut is-servizz propost mill-operatur ta' din is-sistema, sakemm il-kompetizzjoni ma tkunx distorta u li l-imsemmi komponent satellitari jkollu utilità reali u konkreta, fis-sens li tali komponent għandu jkun neċessarju għall-funzjonament tas-sistema mobbli permezz tas-satellita, ħlief fil-każ ta' funzjonament awtonomu tal-KTK fil-każ ta' ħsara tal-komponent satellitari, li ma għandhiex taqbeż it-tmintax-il xahar.**

**2) Il-kunċett ta' "stazzjon mobbli terrestri", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Deċiżjoni Nru 626/2008, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma huwiex meħtieġ li, sabiex jaqa' taħt dan il-kunċett, tali stazzjon għandu jkun jista' jikkomunika, mingħajr apparat distint, kemm ma' komponent terrestri kumplementari kif ukoll ma' satellita.**

**3) L-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Nru 626/2008, moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) ta' din id-deċiżjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ fejn jirriżulta li operatur magħżul skont it-Titolu II tal-imsemmija deċiżjoni u awtorizzat diġà l-ispektrum tar-radju skont l-Artikolu 7 ta' din l-istess deċiżjoni ma jkunx ipprovda servizzi mobbli permezz tas-satellita permezz ta' sistema mobbli permezz tas-satellita sat-terminu previst fl-Artikolu 4(1)(ċ)(ii) tad-Deċiżjoni Nru 626/2008, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma humiex awtorizzati jirrifjutaw li jagħtu l-awtorizzazzjonijiet neċessarji**

**għall-provvista ta' komponenti terrestri kumplementari ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita lil dan l-operatur minħabba li dan ma jkunx osserva l-impenn meħud minnu fl-applikazzjoni tiegħu.**

Firem